# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 2/2022 BS**

**Anthony Vella u George Vella**

**-vs-**

**Għaqda tan-Nar 31 ta' Mejju – Għarb (AD 2013)**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

1. *"Illi l-atturi għandhom fil-pusses tagħhom porzjonijiet art magħrufa bħala 'ta' Geriska' fil-limiti ta' l-Għarb, Għawdex illi uhud minnhom huma mikrija minn għand il-familja tal-konvenut.*

2. *Illi fit-tieni ġimgħa ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) l-konvenuta ossia rapprezentanti tagħha daħlu go wahda minn dawn l-għelieqi li għandhom f' idejhom l-atturi, permezz ta' makkinarju u filwaqt illi hadu pussess tagħha, wittew l-istess art, għaffgu dak kollu li kien hemm mizrugħ u għamlu skavar u serje ta' hofor kbar fl-istess art.*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 3 bi pjanta u *site-plan* turi l-art in mertu a fol 4.

*Din l-art hija dik li qed tiġi indikata fuq il-pjanta hawn annessa u markata Dokument 'A'.*

3. *Illi l-agir tal-konvenuta ossia tar-rapprezentanti tagħha b'mod specjali l-mod kif hija spoljat lil atturi mill-pussess ta' din l-art jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin, għad-dannu ta' l-istess atturi.*

4. *Illi l-atturi iridu illi huma jergħu jigu rintegrati fil-pussess ta' din l-art u li jergħu igawduha kif kienu qabel.*

5. *Illi sabiex dan l-ispoll ma jkomplix jaggrava ruhhu l-atturi procedew permezz ta' mandat ta' inibizzjoni fejn talbu illi l-konvenuta tiddezisti minn li tkompli tidhol go din l-art jew tagħmel xogħolijiet ulterjuri fiha. Dan il-mandat fl-istess ismijiet bin-numru 55/2021 gie akkolt permezz ta' digriet ta' l-20 ta' Diċembru 2021.*

6. *Illi dan ir-rikors qed isir u qed jiġi kkonfermat bil-ġurament minn l-attur Anthony Vella illi għandu konoxxenza tal-fatti in kawża."*

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti:**

(1) *"tiddikjara illi l-konvenuta ikkommettiet spoll vjolenti u klandestin għad-dannu ta' l-atturi meta dahlet fir-raba' magħruf bħala 'Ta' Geriska' fil-limiti ta' l-Għarb, Għawdex (indikat fuq il-pjanta annessa) u hemm għamel xogħolijiet imsemmija cioe għamlet xogħol ta' skavar u thaffir ta' serje ta' hofor.*

(2) *tordna lil konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss tisporga dan l-ispoll minnha kommess billi terga jagħmel dawk ix-xogħolijiet kollha necessarji u opportuni biex tregga kollox għal l-istat li kien qabel ma hi ikkommettiet dan l-ispoll, u tiddezisti minn li tidhol aktar go dan ir-raba'.*

(3) *Fin-nuqqas tawtorizza lil atturi sabiex jagħmlu x-xogħolijiet necessarji huma stess a spejjes tal-konvenuta.*

*Bl-ispejjes kollha nkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi (numru 55/2021) u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta[2] illi eċċepiet:**

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża u kwindi għandhom jiġu michuda bl-ispejjeż;*

2. *Illi l-attrui jehtieg li jippruvaw illi għandhom ir-rekwiżiti essenzjali kollha ta' l-actio spolii u dan inter alia a tenur ta' l-Artikolu 535 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi fi kwalunkwe każ il-konvenuta ma kkommettiet l-ebda spoll;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Novembru, 2022 il-Qorti laqgħet talba ta' l-atturi għall-allegazzjoni ta' kopja tal-proċess tar-rikors ġuramentat numru 35/2022 fl-ismijiet inversi.[3]

**Rat** li fl-istess udjenza tal-11 ta' Novembru, 2022 l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqha.[4]

**Rat** in-nota tal-għaqda konvenuta tat-18 ta' Frar, 2023 b'anness magħha **[i]** applikazzjoni għal depożitu jew użu ta' makkinarju datata s-27 ta' Ottubru, 2021 u magħmulha mal-Kunsill Lokali tal-Għarb minn Michael Caruana għan-nom tal-għaqda konvenuta sabiex Richard Axiaq ikun jista jutilizza makkinarju – *JCB* – f'Daħlet ta' Cini, L-Għarb, u; **[ii]** ritratt li dwaru xehed ix-xhud Michael Caruana għan-nom tal-istess għaqda.[5]

**Rat** li fl-udjenza tad-9 ta' Marzu, 2023 l-għaqda konvenuta ddikjarat il-provi tagħha magħluqha.[6]

---

[2] Risposta ġuramentata a fol 11 u 12.
[3] Verbal a fol 142 u 143.
[4] Verbal a fol 142 u 143.
[5] Nota a fol 154, applikazzjoni a fol 155, ritratt li juri d-data tat-30 ta' Ottubru, 2021 a fol 156.
[6] Verbal a fol 282.

**Rat** li fl-udjenza tas-16 ta' Frar, 2024 il-partijiet iddikjaraw il-kontro-eżamijiet eżawriti bil-kawża ġiet differita għal preżentata tan-noti tal-osservazzjonijiet kif ukoll għal-llum għas-sentenza.[7]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** l-atti tal-proċess tar-rikors ġuramentat numru 35/2022 fl-ismijiet inversi li ntbgħat *sine die* riappuntabbli wara li din id-deċiżjoni odjerna tgħaddi in ġudikat.[8]

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[9]

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Anthony Vella**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[10]

Jiddikjara li hu u ħuh George, l-attur l-ieħor, huma proprjetarji ta' diversi biċċiet raba' magħrufa bħala "L-Andar ta' Geriska" fil-limiti tal-Għarb Iżid li fl-istess inħawi għandhom ukoll xi raba' bi qbiela.

Jgħid li l-għaqda konvenuta qed tipproponi li tibni kamra tan-nar f'sit li jmiss ma' raba' tagħhom b'dan li, raba' ieħor li qiegħed għandhom bi qbiela u jinħadem minnhom regolarment jifforma parti mis-sit fejn huwa propost il-bini.

Jiddikjara li l-applikazzjoni għal-bini tal-kamra tan-nar tmur lura għal xi l-2009. Iżid li hu u ħuh flimkien ma' terzi kienu oġġezzjonaw għall-istess.

Jiddikjara li wara li l-għaqda konvenuta ngħatat il-permess tal-bini bdiet bix-xogħolijiet preparatorji nkluż billi daħlet fl-art tagħhom u b'gaffa skavat ħofor kbar x'aktarx sabiex minnhom ittella pilastri tal-konkos. Jgħid li fil-proċess ta' dan ix-xogħol tgħaffeġ ukoll wiċċ ir-raba' tagħhom.

[7] Verbal a fol 316.
[8] Kopja tal-atti nkluza fl-atti tal-process odjern – mingħajr paginazzjoni.
[9] Nota tal-atturi prezentata nhar l-20 ta' Mejju, 2024. Nota tal-għaqda konvenuta prezentata nhar it-12 ta' Awwissu, 2024.
[10] Affidavit a fol 17 sa 19.

Jgħid li kemm hu kif ukoll ħuh raw ix-xogħol isir tant li t-tnejn ħadu r-ritratti. Iżid li jidderiġi x-xogħol kien hemm Michael Caruana li soltu jirrapreżenta lill-għaqda konvenuta. Jeżebixxi sett ta' ritratti li juru x-xogħol qiegħed isir u r-riżultat ta' kif tħalla r-raba' tagħhom wara li x-xogħol twaqqaf b'mandat ta' inibizzjoni ntavolat minnhom.[11]

Jgħid li r-raba' in mertu ilu fil-pussess tagħhom b'din kienet f'idejn missierhom – Anthony ukoll – imbagħad għaddiet għandu u għand ħuh George, l-attur l-ieħor. Iżid li għar-raba' in mertu missieru kien iħallas il-qbiela lil ċertu Guzepp Caruana, mill-familja magħrufa 'Tar-Rehs', u wara mewt Guzepp baqgħet titħallas lill-armla tiegħu. Jgħid li wara li mietet il-mara ta' Guzepp il-qbiela bdiet tiġi ddepożitata l-Qorti.

Jgħid li fil-proċeduri tal-mandat ta' inbizzjoni li għamlu kontra l-għaqda konvenuta sar jaf li l-familja Caruana 'Tar-Rehs' kienet biegħet lill-għaqda konvenuta. Jgħid li peress li huwa qatt ma' kien infurmat b'dan kien għadu jiddepożita l-qbiela fil-Qorti kontra l-aħwa Caruana.

Jiddikjara li r-raba' in mertu huma dejjem ħadmuh bl-aħħar li ħadmuh kien wara s-sajf tal-2021. Iżid li fis-sajf ġieli ma' nħadimx stante li mhux saqwi iżda meta nħadem fis-sajf kien jagħtihom l-ilma ġar fir-raba', ċertu Louis Agius, li għandu raba' viċin b'ġibjun fih.

Jgħid li sa ftit jiem qabel l-għaqda konvenuta qabdet u daħlet fir-raba' tagħhom hu u ħuh kienu hemm inaddfu l-istess mil-ħaxix ħażin madwar il-miżrugħ.

Jgħid li l-għaqda konvenuta kienet taf li r-raba' in mertu kien f'idejhom għaliex Michael Caruana mhux l-ewwel darba li ragħhom hemm.

Jgħid li fl-2010 wieħed mill-ulied ta' Caruana 'Tar-Rehs' għand minn kienu jħallsu l-qbiela kien daħal u għamel dura fir-raba' in mertu u huma għamlu u rebħu kawża ta' spoll kontrih. Jeżebixxi kopja tad-deċiżjoni datata d-9 ta' Diċembru, 2010.[12]

---

[11] Ritratti varji a fol 20 sa 33.

[12] Deċiżjoni numru 88/2010 mogħtija nhar id-9 ta' Diċembru, 2010 fl-ismijiet ***Anthony Vella u George Vella vs Simon Caruana*** a fol 34 sa 37.

Jgħid li żmien wara wieħed mill-aħwa Caruana 'Tar-Rehs', Nazzareno Caruana, għamel pretensjonijiet fuq ir-raba' in mertu iżda ftit wara l-avukat tiegħu kellem lil tagħhom u qallu li kien lest jirtira basta kulħadd iħallas l-ispejjeż legali tiegħu.

Jgħid li l-art ilha għandhom għal aktar minn 50 sena u qatt ħadt ma' tellifhom f'tali pussess għajr fiż-żewġ okkażżjonijiet li semma.

**Louis Agius**, proprjetarju ta' raba' viċin dik in mertu, xehed permezz ta' affidavit.[13]

Jiddikjara li huwa għandu 65 sena u għandu kwantita' ta' raba' magħruf bħala 'L-Andar ta' Geriska" fil-limiti tal-Għarb. Iżid li fl-istess għandu ġibjun kbir għall-ilma.

Jgħid li bil-ġibjun, ir-raba' tiegħu jinħadem is-sena kollha u għalhekk huwa jkun hemm regolarment. Iżid li miegħu jkun hemm ibnu Jean kif ukoll ir-raġel ta' bintu Manuel Muscat u ħuh Joseph Muscat. Jgħid li l-aħwa Joseph u Manuel jużaw ukoll parti mir-raba' tiegħu għal-kaċċa.

Jgħid li mir-raba' tiegħu hemm minnu li jiġi viċin fejn ser tinbena l-kamra tan-nar tal-għaqda konvenuta. Iżid li huwa kien oġġezzjona għall-applikazzjoni tal-għaqda.

Jiddikjara li l-art tal-aħwa Vella, atturi, jaf li tiġi eżatt biswit fejn ser tinbena l-kamra tan-nar. Iżid li jekk mhux sejjer żball parti mil-kamra hija proposta fuq ir-raba' tagħhom – tal-atturi.

Jgħid li huwa fl-art in mertu dejjem lill-aħwa Vella, atturi, ra jaħdmu tant li ġieli anke tagħhom l-ilma biex isaqqu.

Jgħid li qabel l-aħwa Vella, atturi, jiftakar lil missierhom Toni li kien jaf bil-laqam 'Tal-Qajfat'.

Jgħid li r-raba' in mertu li huwa dejjem jaf għand Vella jiftakarhom jgħidu li kien bi qbiela għand 'Tar-Rehs'.

---

13 Affidavit a fol 38 u fol qabel mhux paginat.

Jgħid li l-atturi Vella kienu ħartu u anke żergħu b'dan li ftit ġimgħat wara, għal ħabta ta' nofs Novembru, 2021, kien fir-raba' tiegħu u ra gaffa dieħla. Iżid li lil tal-gaffa għarfu bħala ċertu Richard Axiak b'miegħu kien hemm Michael Caruana, rappreżentant tal-għaqda konvenuta. Jgħid li dawn għamlu xi xogħol inkluż fl-għalqa tal-atturi Vella fejn daħlu, għafġulhom, u għamlu u ħallew ħofor kbar.

Jiddikjara li l-parti tal-għalqa ta' Vella li ma' ntmessitx għadha tinħadem iżda fejn intmess huwa mpossibbli li tinħadem.

**In-Nutar Enzo Dimech**, xehed[14] li huwa dilettant tal-kaċċa b'dan li għandu xi raba' fl-inħawi "L-Andar ta' Geriska', fl-Għarb. Iżid li fl-istaġun tal-kaċċa huwa jkun f'dan ir-raba' ta' kuljum. Jgħid li barra mill-istaġun ikun hemm fi tmiem il-ġimgħa meta jkun jista.

Jgħid li lill-aħwa Vella, atturi, ilu jafhom minn tfulitu b'dan li għandhom ukoll raba' fejn tiegħu. Iżid li biex jodħol fir-raba' tiegħu jgħaddi eżatt ma' tagħhom.

Jgħid li r-raba' tiegħu ilu għandu 'l fuq minn 30 sena. Iżid li ta' Vella, l-atturi, kienu hemm qablu tant li jiftakar lill-missierhom Anthony hemm. Jgħid li lill Vella jafhom hemm kemm għal-kaċċa kif ukoll jaħdmu l-għelieqi.

Jgħid li r-raba' tiegħu forsi qiegħed 150 metru lill'hemm minn ta' Vella.

Jgħid li bħala Nutar l-aħwa Vella kemm il darba qabduh sabiex xtraw raba' f'dawk l-inħawi. Iżid li jaf li Vella għandhom ukoll xi raba' li qiegħed għandhom bi qbiela.

Jgħid li jaf fejn ser tinbena l-kamra tan-nar. Iżid li huwa kien wieħed mill-oġġezzjonaturi kontra l-bini tal-istess.

Jgħid li l-għalqa ta' Vella mertu tal-kawża jaf liem'hi. Iżid li f'Novembru tal-2021 daħlu xi ingenji li skavaw in parte fir-raba' li jinħadem minn Vella. Iżid li f'Otturbu ta' qabel ir-raba' ta' Vella kien maħrut.

---

[14] Traskrizzjoni a fol 39 sa 45.

Muri r-ritratti eżebiti mal-affidavit ta' Anthony Vella, l-attur, jagħraf l-istess bħala li juru l-iskavi li saru fir-raba' li jinħadem minn Vella.

**Emanuel Muscat**, xehed permezz ta' affidavit.[15]

Jiddikjara li huwa ilu jgħix l-Għarb mill-2004 meta żżewweġ lill-martu li hija mill-Għarb. Iżid li kien midħla tal-inħawi qabel iżżewweġ għax kien diġa' jiffrekwanta lill-martu.

Jgħid li missier martu huwa Louis Agius li għandu kwanti ta' raba' f' "L-Andar ta' Geriska" fejn għandu wkoll ġibjun tal-ilma.

Jgħid li hu dilettant kemm tal-agrikoltura kif ukoll tal-kaċċa u l-insib tant li sikwiet ikun fir-raba' ta' missier martu. Iżid li maż-żmien huwa wkoll akkwista xi porzjonijiet raba' tiegħu fl-istess inħawi.

Jgħid li hu jkun fl-inħawi kważi kuljum, sajf u xitwa stante wkoll li l-istess jinsab biss 5 minuti bod min darhu bil-mixi. Iżid li ħuh Joseph ġieli wkoll ikun miegħu fir-raba' speċjalment fl-istaġun tal-kaċċa.

Jiddikjara li r-raba' tal-aħwa George u Anthony Vella, atturi, jaf liem'hu. Iżid li jaf ukoll li biċċiet mir-raba' ta' Vella huwa tagħhom mentri biċċiet oħrajn huma bi qbiela.

Jgħid li biċċa raba' partikolari ta' Vella hija dik fejn ser tinbena kamra tan-nar. Jgħid li hu għandu biċċa raba' tmiss mar-raba' fejn ser tinbena l-kamra tan-nar iżda man-naħa l-oħra ta' fejn ser tkun l-istess kamra. Jgħid li dan ir-raba' tiegħu qiegħed forsi 30 metru bod min dak tal-aħwa Vella. Jgħid li hu u l-aħwa Vella jaraw lil xuxlin sew mill-għelieqi reċiproċi tagħhom. Li lil Vella jarahom anke mir-raba' ta' missier martu.

Jgħid li lill Vella jafhom jaħdmu r-raba' in mertu kull sena billi jaħartuha u jħawlu fiha.

Jgħid li fis-sena 2021, wara s-sajf, Vella ħartu u żraw il-wiċċ tar-raba' tagħhom b'dan li ftit wara, għall-habta tat-tieni ġimgħa ta' Novembru, 2021, u jekk mhux sejjer żball nhar ta' Sibt, kien fl-għalqa tiegħu u ra gaffa

[15] Affidavit a fol 51 u 52.

dieħla fl-art tal-aħwa Vella. Iżid li jsuq il-gaffa kien ċertu Richard Axiaq u miegħu kien hemm Michael Caruana, Mario Farrugia, u tnejn oħra. Jgħid li dawn bdew jagħmlu xi xogħol fir-raba' tal-aħwa Vella b'dan li wittewlhom kollox u għamlu xi hofor.

Jgħid li kien prova jċempel lil Anthony Vella iżda ma' qabdux.

Jgħid li aktar tard marru xi familjari tal-aħwa Vella fuq il-post inkluż iben Anthony, Loren. Iżid li mar ukoll l-attur George Vella.

Jgħid li l-art li kienet tinħadem minn Vella ma' tistax tinħadem aktar fl-istat li tħalliet. Iżid li fejn ma' sarx xogħol għadu jinħadem sallum.

**Joe Louis Caruana**, xehed permezz ta' affidavit.[16]

Jiddikjara li huwa għandu xi raba' bi qbiela fl-inħawi ta' "L-Andar ta' Geriska" fil-limiti tal-Għarb. Jgħid li ilu midħla tal-inħawi mis-snin disgħin.

Jgħid li lill-aħwa Anthony u George Vella jafhom. Iżid li fl-inħawi fejn għandu r-raba' hu l-aħwa Vella kienu hemm qablu. Iżid li fil-fatt jiftakar anke lil missierhom Toni.

Jgħid li r-raba' ta' Vella fl-inħawi huwa viċin ta' fejn għandu hu. Iżid li hu fl-inħawi jaħdem ir-raba' tiegħu u wkoll biċċiet ta' ħaddieħor. Jgħid li għalhekk l-inħawi jafhom sew.

Jgħid li l-aħwa Vella fost id-diversi biċċiet raba' li għandhom għandhom biċċa partikolari li qiegħdha fejn ġejja l-kamra tan-nar. Jgħid li din il-biċċa jafha sew għaliex qabel l-aħwa Vella xtraw l-inġenji tagħhom kien jaħratilhom hu. Jgħid li l-aħħar li ħarat għal Vella kien xi 10 snin ilu.

Jgħid li l-aħwa Vella jkunu spiss fir-raba' tagħhom inkluż fil-biċċa partikolari. Iżid li wara s-sajf tal-2021 huwa kien ra lil George Vella jaħrat din il-biċċa raba' b'wara rahha wkoll tinżera. Iżid li kien ukoll ra lil George jgħaddi wiċċ ir-raba' bl-imgħażqa biex inaqqi l-ħaxix ħażin.

[16] Affidavit a fol 53 u 54.

Jiddikjara li wara dan, għal bidu ta' Novembru, 2021 ra' lil ċertu Richard dieħel ġor-raba' ta' Vella jwitti kollox. Iżid li rah ukoll iħaffer ħofor kbar f'forma ta' kaxxi kbar. Jgħid li ma dan Richard kien hemm persuni oħrajn u jidhirlu li fosthom kien hemm Mario Farrugia. Iżid li dawn kienu nies li huwa attribwixxa mal-kamra tan-nar.

Jgħid li bix-xogħolijiet li saru fir-raba' ta' Vella lil Vella okkupawlhom qisu nofs l-istess raba' tagħhom.

Jiddikjara li jaf li l-ġurnata li ra dan kollu jseħħ kienet is-Sibt u probabilment kienet it-tieni Sibt ta' Novembru, 2021.

Jgħid li llum fejn saru x-xogħolijiet l-aħwa Vella ma' jistgħux jaħdmu minħabba l-ħofor.

**Mark Cini**, in rappreżentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanar, xehed[17] li huwa ntalab jeżebixxi dokumentazzjoni relattiva għall-applikazzjonijiet numri PA 5058/09 – *outline development permission*,[18] PA 1001/20,[19] u PA 1151/17 – *full development permission*.[20] Jeżebixxi kopji tal-istess.

Jeżebixxi wkoll kopja tal-avviż ta' infurzar numru ECF 00752/09.[21]

**Xehed ulterjorment**[22] li mitlub jixhed dwar rapporti u *site inspections* li saru in konnessjoni mal-permessi numri PA/1001/20 u PA/01151/17 li jirreferu għal sit f' "L-Andar ta' Geriska", huwa għamel tfittix u sab li kienu saru diversi rapporti lil, u nvestigazzjonijiet mis-sezzjoni tal-infurzar.

[17] Traskrizzjoni a fol 55 sa 57.
[18] Jeżebixxi l-applikazzjoni magħmulha nhar l-1 ta' Marzu, 2010 minn certi R. Cauchi u R. Camilleri bi proposta għal zvilupp ta' kamra tan-nar f'sit f-"L-Andar ta' Geriska" – a fol 59 sa 61. Jeżebixxi wkoll l-*outline development permit* mogħti nhar l-4 ta' Lulju, 2016 lill-istess individwi – a fol 62 sa 65. Jeżebixxi wkoll dokumentazzjoni dwar appell li sar quddiem it-Tribunal tal-Ippjanar, deciz nhar is-6 ta' Marzu, 2018 – a fol 66 sa 82. Jeżebixxi wkoll *outline development permit* ieħor maħrug fid-19 ta' Diċembru, 2018 għall-istess għan ta' bini ta' kamra tan-nar f' "L-Andar ta' Geriska" – a fol 84 sa 89.
[19] Jeżebixxi verbali ta' process ta' appell relattiv għal-permess numru PA1001/20 – a fol 90, 115. Jeżebixxi wkoll l-applikazzjoni originali li saret minn Michael Caruana għan-nom tal-għaqda kovnenuta għat-twessiegħ tat-triq u wasslet għall-istess permess – a fol 92 sa 101. Jeżebixxi wkoll il-permess numru PA/01001/20 li nhareg fit-2 ta' Lulju, 2021 lill Michael Caruana għat-twessiegħ ta' triq sabiex jiġi kreat access għal-kamra tan-nar a fol 102 sa 114.
[20] Jeżebixxi l-applikazzjoni originali għal-permess numru PA01151/17 li saret minn Michael Caruana għan-nom tal-għaqda kovnenuta għal-bini ta' kamra tan-nar – a fol 116 sa 123. Jeżebixxi wkoll il-permess numru PA01151/17 li nhareg fl-20 ta' Marzu, 2019 lill-istess minn Michael Caruana għan-nom tal-għaqda konvenuta għal-bini ta' kamra tan-nar – a fol 124 sa 132.
[21] Avviz datat it-8 ta' Lulju, 2009 dwar twessiegħ ta' triq maħrug lill-"okkupant mhux magħruf" – a fol 58.
[22] Traskrizzjoni a fol 157 sa 159.

Jgħid li hu personalment ma jkunx involut f'tali proċeduri u għalhekk ikun aktar opportun li jixhed l-uffiċjal tal-infurzar Gordon Grech.

**Joseph Muscat**, xehed permezz ta' affidavit.[23]

Jiddikjara li huwa midħla tar-raba fl-inħawi ta' "L-Andar ta' Geriksa" għaliex ħuh jieħu ħsieb diversi biċċiet ta' raba' hemm kemm tiegħu kif ukoll ta' missier martu. Iżid li hu jkun hemm regolarment speċjalment fi żmien il-kaċċa u l-insib. Jgħid li fis-sajf ikun hemm kważi kuljum u anke fl-istaġun magħluq imur *bird watching*.

Jgħid li lill-aħwa Anthony u George Vella jafhom sew għaliex ukoll għandhom raba' f'dawk l-inħawi u ġieli jkellimhom. Iżid li l-aħwa Vella jaħdmu l-art u jikkaċjaw ukoll.

Jgħid li l-art fejn illum inbeda l-iżvilupp tal-kamra tan-nar dejjem jafha f'idejn l-aħwa Vella. Iżid li hu ilu midħla tal-inħawi madwar tletin sena b'dan li qabel l-aħwa Vella jiftakar lil missierhom fl-art ta' Vella.

Jgħid li l-art ta' Vella tinħarat u tinżera. Iżid li llum jaħartuha bl-inġenji tagħhom b'dan li qabel kien jaħratilhom missier il-mara ta' ħuh.

Jgħid li fis-sena 2021, wara Awwissu, l-aħwa Vella kienu ħartuha u wara xi żmien żerawha. Iżid li ż-żergħa kienet diġa' nibtet.

Jiddikjara li lejn nofs Novembru, f'jum ta' Sibt, kien fir-raba' u ra' lil ċertu Richard Axiak jgħaffeġ ġor-raba' ta' Vella b'gaffa. Jgħid li dakinhar miegħu kien hemm ukoll ħuh Emanuel. Iżid li ma' Axiak kien hemm Mario Farrugia, Michael Caruana, u tnejn min-nies oħra li jafhom minn wiċċhom. Jgħid li dawn huma nies li ilhom jistinkaw sabiex tinbena kamra tan-nar. Iżid li dawn għamlu ħofor kbar fir-raba' ta' Vella u waħħlu wkoll xi kanen tal-metal li magħhom dawru *tape* aħmar u abjad.

Jiddikjara li dakinhar kemm hu kif ukoll ħuh pruvaw iċemplu lil ta' Vella iżda dawn ma' qabduhomx. Jgħid li minkejja dan xi ħadd infurmagħhom lil Vella għaliex ftit wara wasslu George Vella u t-tifel ta' Anthony Vella.

[23] Affidavit a fol 138.

Jgħid li dak li Vella kellhom miżruħ intilef kollu b'illum l-art tagħhom ma' tistax tinħadem kollha minħabba l-ħofor.

**Michael Caruana**, in rappreżentanza tal-għaqda konvenuta, xehed permezz ta' affidavit.[24]

Jiddikjara li nhar it-30 ta' Ottubru, 2021 fil-11.30 ta' filgħodu huwa flimkien ma' membri tal-għaqda tan-nar, fosthom Mario Farrugia, Jacob Muscat, John Jay Cauchi, u Daniel Brooke, iltaqgħu wara l-Knisja tal-Għarb jistennew lil Richard Axiaq ġej sabiex jinbeda x-xogħol relatat mal-kamra tan-nar f' "L-Andar ta' Geriska". Iżid li tali xogħol kien kopert bil-permessi PA/1001/20 u PA/01151/17. Iżid li għal dan kien ilhom miftehmin sa minn xi ġimgħatejn qabel.

Jgħid li malli wasal Richard Axiaq, għal-ħabta ta' xi nofsinhar, bdew ix-xogħol ta' skavar l-ewwel għat-twessiegħ tat-triq skont il-permess PA/1001/20. Iżid li ftit wara li bdew ix-xogħol tfaċċa Anthony Vella u qagħad fejn ikun għal-kaċċa, iċempel u jieħu r-ritratti jew filmati flimkien ma' ibnu.

Jiddikjara li malli lestew mit-twessiegħ tat-triq niżlu bil-gaffa ġo l-ewwel għalqa li tmiss ma' l-istess triq u li l-għaqda konvenuta kienet xtrat mingħand l-eredi ta' Salvu u Elizabeth Caruana li inċidentalment huma kuġini ta' missieru.

Jgħid li huma daħlu fl-għalqa bil-gaffa u bdew iħammlu fejn ġejja l-ewwel kamra li fiha xi tlett metri bi tnejn. Jgħid li tal-gaffa niżel għall-fond li kien meħtieġ u hemm waqaf. Iżid li għal dakinhar raw li kien sar biżżejjed xogħol.

Jgħid li huma u sejrin taħt ħajt li jsejħu tal-indirizzatura ra karozza ġejja lejh. Jgħid li hu waqqaf il-karozza tiegħu u wieħed li kien fil-karozza l-oħra identifika ruħu bħala Gordon Grech, uffiċjal tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Jgħid li Grech staqsih jekk għamlux xi xogħol aktar 'il gewwa minn fejn kienu ltaqgħu u huwa rrisponda li iva. Iżid li Grech talbu jara x'kien sar

[24] Affidavit a fol 140 u 141.

u għalhekk reġgħu marru fuq il-post fejn ġie nfurmat li Vella kien irrapporta li tefawlu xi terrapien fir-raba' tiegħu u għamlu xi skavar. Jgħid li hu rrisponda li skavaw u tefgħu terrapien iżda kollox sar ġo tagħhom u skont il-permessi.

Jiddikjara li wara dan ix-xogħol kompla u baqa' miexi sa' mit-30 ta' Ottubru, 2021.

**Xehed ulterjorment**[25] li r-ritratt a fol 156 tal-proċess ħadu hu stess fit-30 ta' Ottubru, 2021.

**In kontro-eżami**[26] xehed li d-data jafha għaliex ħa notament fid-djarju tiegħu oltre għal fatt li r-ritratt stess juri data.

**Richard Frank Axiaq**, kuntrattur ta' xogħol edilizju, xehed[27] li huwa għandu gaffa u jaħdem għal rasu.

Dwar xogħol magħmul minnu fl-inħawi ta' "L-Andar ta' Geriska" fil-limiti tal-Għarb jgħid li huwa tqabbad minn Michael Caruana, mar fuq il-post u għamel xi pedamenti. Iżid li dakinhar li sar ix-xogħol ma' Michael kien hemm individwi oħrajn li ma' jafhomx.

Jgħid li bħala xogħol għamel xi ħofor ġor-raba'. Iżid li forsi dam sagħtejn kollox.

Mistoqsi meta kien li għamel dan ix-xogħol jgħid li eżatt ma' jiftakarx. Mistoqsi kienx ħareġ kont għall-ħlas jgħid li iva. Iżid li minkejja dan peress li ma' kienx hemm xogħol kbir ma' żammx notament għaliex tħallas dak il-ħin u telaq.

Jgħid li jaħseb li dwar dan ix-xogħol darba biss mar fuq il-post.

**In kontro-eżami**, muri r-ritratti eżebiti mill-atturi a fol 25 u 26 tal-process, xehed[28] li l-gaffa li tidher hemm hija dik tiegħu. Muri ritratt ieħor a fol 29 tal-proċess, jagħraf dik il-ħofra kwadra bħala waħda milli għamel hu. Mistoqsi jekk bħal dik il-ħofra kienx hemm aktar minn waħda jgħid

[25] Traskrizzjoni a fol 152 u 153.
[26] Traskrizzjoni a fol 153.
[27] Traskrizzjoni a fol 160 sa 163.
[28] Traskrizzjoni a fol 311 sa 313.

li ma' jafx kemm għamel minnhom imma għamel aktar minn waħda żgur.

Jgħid li l-ħamrija li neħħa sabiex għamel dawk il-ħofor ħalliha fil-post.

Muri ritratt ieħor a fol 181 tal-proċess fejn jidher *tape* abjad u aħmar jgħid li hemm kien għadhom ma' sarux ħofor.

Mistoqsi jekk il-ħofor sarux mil-grada 'l gewwa jgħid li iva għax mhux ser jagħmel ħofor fit-triq. Iżid li l-ħofor saru ġo għalqa.

Jaqbel li qabel għamel il-ħofor huwa għamel xogħol ta' twessiegħ tat-triq billi qala' ħajt. Jaqbel li sabiex inqala tali ħajt kienu għalqu t-triq. Iżid li ma' jidhirlux li dakinhar kienu marru tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Jgħid li sakemm kien hemm hu ma marrux.

Mistoqsi x'għamel bit-terrapien li neħħa meta wessa' t-triq jgħid li ma' jiftakarx. Iżid li 'l barra miegħu żgur ma' ħadux.

Jaqbel li kien xi żmien wara li wessa' it-triq li mar jagħmel il-ħofor. Jgħid li fil-fatt l-ewwel darba mar b'gaffa u t-tieni mar b'oħra. Jgħid li gaffa minnhom għandha r-roti u tista tinstaq fit-triq mentri oħra tal-katina.

**In re-eżami**, xehed[29] li l-ewwel darba li mar fuq il-post qala' il-ħajt b'dan li xi żmien wara, ma' jiftakarx kemm wara, reġgħa mar sabiex għamel il-ħofor fl-għalqa. Jgħid li jiftakar li l-ewwel ġurnata li mar kien is-Sibt, it-tieni ma' jiftakarx x'kien.

Jinsisti li fl-ewwel ġurnata kull ma' sar kien biss il-qliegħ tal-hajt, xejn iżjed. Mistoqsi jekk fl-ewwel ġurnata daħalx fl-għalqa jgħid li ma jiftakarx imma jista jkun li sar xi ħaġa oħra oltre l-ħajt.

Muri ritratt a fol 156 tal-proċess,[30] jgħid li jista jkun kienu għamlu xi ħofra sabiex jaraw fejn'hu l-blat. Jgħid li l-marki fil-ħamrija li jidhru f'tali ritratt huma tal-gaffa tiegħu, dik tar-roti. Jerġa jgħid li jaħseb li dakinhar għamlu ħofra sabiex jaraw x'fond kien hemm b'dan li wara reġgħu radmu.

---

[29] Traskrizzjoni a fol 313 sa 315.
[30] Ritratt datat it-30 ta' Ottubru, 2021 li juri *tape* ahmar u abjad u tgħaffeg fl-għalqa.

Jgħid li fir-ritratt a fol 156 mhux jara ħofor. Jgħid li hemm kienu għamlu ħofra u reġgħu radmuha.

**David Apap**, bħala Sindku u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali tal-Għarb, muri applikazzjoni għal depożitu jew użu ta' makkinarju a fol 155 tal-proċess, xehed[31] li dak huwa permess li nħareġ mill-Kunsill sabiex tingħalaq triq magħrufa bħala "Id-Daħla ta' Cini".

Jgħid li l-permess inħareġ fis-27 ta' Ottubru, 2021 bix-xogħol kellu jsir nhar it-30 ta' Ottubru, 2021 bejn nofsinhar u s-sitta ta' filgħaxija.

Jgħid li l-Kunsill ma' jagħmilx verifiki dwar jekk il-permess ikunx ġie eżawrit iżda joħroġ il-permess u jistenna li l-applikant jimxi ma' l-istruzzjonijiet. Iżid li jekk xi ħadd jilmenta huma jibgħatu lill-gwardjani lokali sabiex jvverifikaw.

Jgħid li kull meta jkun hemm ħtieġa tal-għeluq ta' triq huma jipprovdu l-*barriers*. Iżid li fil-fatt dakinhar ingħatat *barrier*.

**In kontro-eżami**, xehed[32] li jaqbel li Daħlet ta' Cini hija *dead end*. Jgħid li huma suppost jingħataw indikazzjoni dwar minn fejn ser tingħalaq it-triq. Iżid li f'dan il-każ tali ndikazzjoni ma ngħatatx.

Jgħid li f'dan il-każ ix-xogħol kien ser isir sabiex tinbena kamra tan-nar.

**In re-eżami**, xehed[33] li l-*barriers* li huma jipprovdu jintraddu lura lill-Kunsill malli jitlesta x-xogħol. Iżid li f'dan il-każ il-*barrier* li ġiet provduta ġiet ritornata lura.

**Gordon Grech**, uffiċjal tal-infurzar għal Għawdex fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar, mitlub jixhed dwar rapporti u *site inspections* li saru in konnessjoni mal-permessi numri PA/1001/20 u PA/01151/17 li jirreferu għal sit f' "L-Andar ta' Geriska", b'mod partikolari spezzjoni li seħħet nhar it-30 ta' Ottubru, 2021, xehed[34] li dakinhar tat-30 ta' Ottubru, 2021 kien daħal rapport għal-ħabta tas-14.30.

[31] Traskrizzjoni a fol 164 sa 167.
[32] Traskrizzjoni a fol 167 u 168.
[33] Traskrizzjoni a fol 168 u 169.
[34] Traskrizzjoni a fol 176a sa 176i.

Jgħid li għar-rapport irrispondew hu u kollega tiegħu, Jonathan Portelli, billi marru fuq il-post.

Jgħid li fuq il-post ma sabu ebda zvilupp għaddej li kien jirrekjedi infurzar. Iżid li fuq il-post tkellmu wkoll ma min għamel ir-rapport, ossia Enzo Dimech.

Jeżebixxi kopja tar-rapport li daħal għandhom kif ukoll sett ta' ritratti li ħa hu stess ta' x'kienu sabu fuq il-post.

Jgħid li s-sit kien kopert bil-permess PA/1001/20 maħruġ regolarment għat-twessiegħ tat-triq. Jeżebixxi kopja tal-permess.[35] Jeżebixxi wkoll kopja ta' permess ieħor, numru PA/01151/17 relattiv għal-bini ta' kamra tan-nar[36] flimkien ma' *commencement notice* datata l-10 ta' Ottubru, 2021 li ntbagħtet fir-rigward.[37]

Jgħid li ż-żewġ permessi inħarġu lil Michael Caruana għan-nom tal-għaqda konvenuta.

Riferut għal-ritratt milli eżebixxa huwa stess, dak numru sebgħa minn għaxra, jgħid li dak juri l-art kif tħalliet wara li, kif intqal lilhom, kienet iddaħlet xi gaffa li wittiet l-art. Jgħid li huma ma' jieħdux konjizzjoni ta' dak li jsejħu *"soil on soil"* jew *"engineering works"*.

Iżid li min kien irrapporta kien qalilhom li l-gaffa kienet iddaħlet minn tal-għaqda tan-nar. Jgħid li fil-fatt huma kienu anke sabu l-permess imwaħħal mal-ħajt fuq is-sit. Jeżebixxi ritratti li juru l-permess hekk imwaħħal.[38]

Jgħid li x-xogħol kien qed isir fil-parti ta' l-għalqa li tmiss mat-triq.

**In kontro-eżami**,[39] mistoqsi jekk r-ritratti li eżebixxa jirreferux biss għax-xogħol ta' twessiegħ tat-triq jirrispondi "parti minn".

---

[35] Kopja a fol 187 sa 210.
[36] Kopja a fol 211 sa 219.
[37] *Commencement notice* a fol 220 u 221.
[38] *Inter alia* a fol 182, 184, u 185.
[39] Traskrizzjoni a fol 176i sa 176l.

Dwar ir-rapport li kien daħal dakinhar jgħid li r-rapport daħal meta kien għad hemm appell pendenti kontra l-permess. Iżid li l-persuna li ċemplet tirrapporta kienet qed tistaqsi kif setgħa jinbeda x-xogħol meta kien hemm appell pendenti.

Mistoqsi x'ra eżatt bħala xogħol meta mar fuq il-post dakinhar jgħid li ra biss xi materjal li twitta. Mistoqsi jekk tali materjal kienx fiż-żona tat-triq jgħid li ma' jistax jgħid hekk. Iżid li ġor-raba', 'il ġewwa, kien hemm materjal kif juri r-ritratt li tkellem dwaru qabel.

Mistoqsi rax ħofor kbar jgħid li le.

**In re-eżami,** [40] mistoqsi jindika l-post li juri r-ritratt sebgħa minn għaxra fuq il-pjanta li eżebixxa huwa stess, jimmarka l-istess bl-ittra "X".[41]

**Xehed ulterjorment[42]** li l-*commencement notice* rigward il-permess numru PA/1001/20 dahlet għandhom fl-10 ta' Ottubru, 2021, Iżid li tali permess kien għat-twessiegħ tat-triq sabiex jiġi kreat aċċess għall-kamra tan-nar. Jgħid li dan inħareġ skont il-kundizzjoni 1P tal-permess l-ieħor numru PA/01151/17. Jeżebixxi kopja ta' din il-*commencement notice*.[43]

Dwar il-*commencement notice* l-oħra relattiva għall-permess numru PA/01151/17 jgħid li din ukoll daħlet fl-10 ta' Ottubru, 2021 flimkien ma' l-oħra. Jgħid li kopja ta' din diġa' ġiet eżebita fix-xhieda mogħtija minnu qabel.[44]

Muri ritratt milli eżebixxa qabel huwa, mis-sett li ħa huwa fit-30 ta' Ottubru, 2021, jgħid li dak juri l-ewwel parti tal-għalqa fejn qed tinbena l-kamra tan-nar. Iżid li kien fuq hekk li daħal ir-rapport.

Mistoqsi jaqbilx li fix-xhieda preċedenti tiegħu huwa qal li kull ma ra kien biss ftit tgħaffiġ, materja li huma ma' jidħlux fiha, jgħid li mir-ritratti jidher ċar li kien hemm xi tip ta' intervent liema intervent pero' ma' qisux bħala żvilupp.

[40] Traskrizzjoni a fol 176l u 176m.
[41] Pjanta a fol 240.
[42] Traskrizzjoni a fol 291 sa 298.
[43] *Commencement notice* a fol 289 u 290.
[44] A fol 220.

Jaqbel li skont l-istess ritratt aktar 'il ġewwa minn fejn ra tali ntervent jidher li kien għadu maħrut.

Jaqbel li fejn fir-ritratti meħudha minnu jidhru t-tabelli bil-permess imwaħħal magħhom, hemm is-sit għadu barra mat-triq bl-għalqa li fiha qed tinbena l-kamra tan-nar tinsab mit-tabella 'il ġewwa.

Jaqbel li dakinhar tat-30 ta' Ottubru, 2021 huwa ra biss tgħaffiġ, pedamenti jew tħammil ma' rax. Jgħid li t-*tape* aħmar u abjad hemm kien iżda nġenji jew ħaddiema ma' kienx hemm.

**In re-eżami**,[45] xehed li meta jgħid li ra biss tgħaffiġ dan għaliex bħala *"soil on soil"* huma ma' jidħlux fiha. Jgħid li billi hawn l-ispustjar ta' materjal kien zgħir huma ma' qisux bħala żvilupp. Jgħid li minkejja dan dakinhar li marru huma intervent kien seħħ.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża, l-atturi aħwa Vella, wara li ppremettew li huma jipposjedu porzjon art magħrufa bħala "Ta' L-Andar ta' Geriska", fil-limiti ta' l-Għarb, Għawdex, li tinsab għandhom bi qbiela favur il-padrun dirett, dak li qabel kien il-familja Caruana b'dan li wara rriżulta li l-istess art inbiegħet lill-għaqda konvenuta, komplew sabiex qalu li fit-tieni ġimgħa ta' Novembru, 2021, l-istess għaqda konvenuta tramite rappreżentanti tagħha qabdet u daħlet ġo tali porzjon art b'gaffa fejn apparti li għafġet il-wiċċ li kien maħrut u miżrugħ, għamlet u ħalliet ħofor kbar – potenzjalment għall-bini ta' pedamenti relattivi għal-permess ta' żvilupp li ottjenit mill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex tibni kamra tan-nar. B'dan li parti sostanzjali ta' din l-art tagħhom ġiet użurpata mill-għaqda konvenuta stante li m'għadux possibbli għalihom li jaħdmuha.

L-atturi talbu għalhekk [i] dikjarazzjoni li bl-aġir tagħha l-għaqda konvenuta kkomettiet spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tagħhom; [ii] ordni sabiex fi żmien qasir u perentorju l-istess għaqda konvenuta

45 Traskrizzjoni a fol 298 sa 300.

tisporga tali spoll billi treġġa kollox lura għall-istat li fih kien qabel u tiddeżisti milli terġa tidħol fl-art tal-atturi, u; [**iii**] l-awtorizzazzjoni sabiex fin-nuqqas tal-għaqda konvenuta f'li tobdi tali ordni, jgħaddu huma, atturi, sabiex jagħmlu dak kollu neċessarju a spejjeż tal-istess għaqda konvenuta.

L-għaqda konvenuta laqgħat għal dawn it-talbiet atturi billi eċċepiet li tali talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, li jeħtieġ li l-atturi jippruvaw li jeżistu favur tagħhom l-elementi rikjesti sabiex tirnexxi kawża ta' spoll, u li, fi kwalunkwe każ, hija ma' ikkommettiet ebda spoll.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-*actio spolii,* bħal ma' hija din l-azzjoni tal-lum kif ittentata mill-atturi aħwa Vella, hija regolata mill-Artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, li jaqra:

> **535.** *(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Minn dan l-artikolu jirriżultaw l-elementi essenzjali sabiex attur jirnexxi f'azzjoni ta' spoll.

Dawn l-elementi huma tlieta:

i. li huwa kien jipposjedi l-oġġett in mertu b'pussess ta' kwalunkwe' xorta jew b'detenzjoni - *possedisse;*
ii. li huwa ġie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni - *spoliatum fuisse,* u;

iii. li huwa ntavola l-kawża ta' spoll fi żmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu - *infra bimester deduxisse*.[46]

**Rigward l-ewwel element, il-*possedisse*,** huwa paċifiku li l-espressjoni *"pussess ta' liema xorta jkun"* tikkomprendi kwalunkwe' tip ta' "pussess" inkluż dak ċivili *kemm dak sempliciment naturali u anke dak vizzjuz*.[47]

Ingħad infatti:

> *"Neanche' e' permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no; perche' la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto; tanto e' vero che si concede la detta azione anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui" (Vol X p55).*[48]

Dan il-ħsieb huwa konsistentement rifless fid-deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani nkluż dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Diċembru, 1955 fl-ismijiet ***Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott*** fejn gie ritenut:

> *Biex tirnexxi l-azzjoni ta` spoll privileggjat, l-attur għandu jipprova li hu kellu l-pussess, li gie spoljat minn dak il-pussess, u li ddeduca l-azzjoni fi żmien xahrejn mill-pretiz spoll.*
>
> *Fil-kawzi ta` spoll il-Qorti għandha tillimita l-ezami tagħha għall-fatt tal-pussess jew detenzjoni, bla ma tidhol fil-petitorju; b'mod li ma jistgħux jigu kumulati l-possessorju u l-petitorju. Għax fil-gudizzju possessorju jiġi gudikat il-"jus posssessionis", u mhux il-"jus possidenti", bla hsara tad-drittijiet petitorji.*
>
> *Il-pussess tutelat b'din l-azzjoni hu, b'ligi, il-pussess "ta` liema xorta jkun"; b'mod li fl-azzjoni ta` reintegra mhux lecitu li jiġi nvestigat ix-xorta ta` pussess ta` l-ispoljat, basta dan ikollu s-semplici pussess "di fatto", ma hemmx bzonn li jigu ezaminati fatturi ohra "ad colorandum possessionem"; u mhumiex rilevanti provi ohra li ma jaslux biex jinnewtralizzaw dak il-pussess.*

---

[46] Ref. ukoll id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet ***Joseph Vassallo Gatt noe vs Joseph Camilleri pro et noe***.

[47] Vol XLII p. II p. 973. Ara wkoll id-deċiżjoni mogħtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.

[48] Iccitat fl-istess deċiżjoni mogħtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.

Din l-istess deċiżjoni kompliet sabiex irriteniet oltre li:

> *L-att ta` tolleranza li jiswa biex jeskludi dak il-pussess hu dak li jsir b'semplici kortesija jew permess ta` haddieħor, revokabili "ad nutum", u mhux att li jkun ezercitat mingħajr ebda koncessjoni prekarja ta` hadd, imma bl-animu ta` ezercizzju ta` pretensjoni ta` drittijiet.*
>
> *Sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwizit tal-vjolenza ma hemmx bzonn il-"vis atrox", cjoe` xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga; liema vjolenza tavvera ruhha jekk l-opera spoljatrici tkun saret kontra l-kunsens tas-sid.*
>
> *Biex din l-azzjoni tkun esperita b'success l-attur irid jipprova biss li fil-mument meta allegatament avvera ruhu l-att spoljattiv hu kien fil-pussess ta' l-oggett li minnu kien spoljat. Mhux mehtieg minnu li jipprova xi titolu tal-pussess tiegħu.*

Li huwa meħtieġ, allura, huwa li attur f'kawża ta' spoll jipprova li fil-mument li seħħ l-att spoljattiv, hu kien fil-pussess jew detenzjoni tal-oġġett, bi kwalsiasi mod dawn ġew f'idejh, basta li l-istess ikun *'di fatto'*.

Jingħad ulterjorment li anke jekk il-pussess ikun wieħed qasir ħafna u saħansitra momentarju, dan xorta waħda huwa suffiċjenti sabiex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll, imbasta jkun univoku u mhux ibbażat fuq mera tolleranza.[49]

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-30 ta' April, 2004 fl-ismijiet ***Farrugia Carmelo et vs Farrugia Carmelo et***,[50] il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rritenit li pussess kwalunkwe', anke purament materjali iżda di fatto, anke qasir ħafna u saħansitra momentarju huwa suffiċjenti, basta jkun univoku u ma jkunx ibbażat fuq mera tolleranza.

Dan għaliex huwa ben risaput illi minn jiddetjeni ħaġa b'sempliċi tolleranza ma' jistax jeżerċita l-*actio spolii*.

Dwar is-sempliċi tolleranza, oltre dak diġa' iċċitata *supra* mid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott***, fid-deċiżjoni

[49] Vol XXXVII p. II p. 642. Ara wkoll id-deċiżjoni mogħtija nhar l-24 ta' April, 1947 fl-ismijiet ***Cortis vs Sammut***.
[50] Citazzjoni Numru. 564/1998/1.

mogħtija mil-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Gunju, 2004 fl-ismijiet ***Marianna Dean vs Joseph Abela***,[51] ġie ritenut li m'hemmx pussess tutelabbli fejn hemm sempliċi tolleranza.

B'dan li, fid-deċiżjoni mogħtija nhar il-25 ta' Mejju, 2007 fl-ismijiet ***Michael Aquilina et vs Andrew Briffa et***,[52] il-Qorti tal-Appell sostniet li:

> *Huma meqjusin bħala atti ta' semplici tolleranza dawk imnissla "nei rapporti di buon viċinato in grazia dei quali si permetta o si tollera che altrui faccia sulla cosa che gli appartiene cio` che non avrebbe diritto alcuno di farvi" - Ricci, "Corso Teoretico - Practico di Diritto Civile", Vol. V. pagna 73. Fi kliem ieħor, jitqies li tkun zamma b'semplici tolleranza dik fejn il-haga tkun mizmuma b'semplici kortezija jew fejn haddieħor ikun jista' jirtiraha x'hin irid. B'zieda ma' dan kollu, jingħad ukoll li l-għemejjel ta' semplici tolleranza għandhom xejra ta' transitorjeta` u saltwarjeta`.*[53]

Il-Qorti hija wkoll konxja mill-fatt li l-azzjoni ta' spoll hija radikata fuq l-esiġenzi ta' l-utilita' soċjali, intiża sabiex tagħti protezzjoni lil kwalunkwe' pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat milli jieħu l-ġustizzja f'idejh.

Il-fini tal-azzjoni huwa nfatti dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt, jew turbat.[54] Huwa proprju għalhekk li l-istess disposizzjoni tal-liġi tagħmel referenza espressa għall-Artikolu 791 tal-Kap. 12 li jrid illi l-konvenut f'kawża ta' spoll ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni li mhix dilatorja qabel ma jkun reġa' qiegħed il-ħaġa fl-istat pristinu.

Huwa b'din il-mira li l-ġurisprudenza u d-dottrina legali jinsistu li l-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll mingħajr ma' tidħol fil-petitorju.

Fil-kawża *de quo*, l-atturi jikkontendi li huma kellhom il-pussess ta' dik il-parti mill-art tagħhom li ġiet turbata bl-aġir tal-għaqda konvenuta meta din għamlet fiha ħofor kbar, potenzjalment sabiex fihom jinbnew pedamenti għall-kamra tan-nar li ridet tibni. Jgħidu ulterjorment li huma

[51] Appell Civili Numru. 930/2003/1.
[52] Appell Civili Numru. 2947/1996/1.
[53] Ara wkoll id-deċiżjoni mogħtija nhar it-12 ta' Jannar, 2005 mil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Cuschieri v. Cilia***.
[54] Vol XLII p. II p. 973 kif ukoll Vol XLI p. II p. 846.

għadhom fil-pussess tar-rimanenti porzjon tal-art tagħhom li ma' ġietx mittiffsa bl-aġir tal-għaqda konvenuta.

In sostenn tat-tezi tagħhom, l-atturi jressqu diversi xhieda li lkoll jgħidu u jikkorroboraw kif fiż-żmien li l-għaqda konvenuta daħlet fl-art li huma jafu għand l-atturi u għand missierhom qabilhom, l-atturi kien għadhom fil-pussess sħiħ u effettiv tal-istess art tant li ftit qabel kien għadhom kemm ħartuha u żrawha.

L-għaqda konvenuta ma' tittentax tinnega dan. Infatti, anqas mxiet bil-kontro-eżami tax-xhieda miġjuba jixhdu f'dawn il-proċeduri mill-atturi.

Oltre minn hekk, l-atti relattivi għar-rikors ġuramentat numru 35/2022 fl-ismijiet inversi, li kopja tagħhom ġiet allegata ma' l-atti proċesswali ta' din id-deċiżjoni odjerna, juru li f'dawk il-proċeduri l-għaqda hawn konvenuta, u hemm attrici, mexxiet għal dikjarazzjoni li l-atturi odjerni, f'dawk il-proċeduri konvenuti, m'għandhom ebda titolu validu fil-liġi fuq l-art in mertu[55] li l-istess għaqda tirrikonoxxi bħala posseduta minnhom atturi odjerni.[56]

Huwa ċar għalhekk għal din il-Qorti li fil-mument meta seħħ l-allegat att spoljattiv, l-art in mertu kienet fil-pussess tal-atturi aħwa Vella u tali pussess, stante d-deposizzjoni tagħhom li huma jippossjedu l-istess art bi qbiela li qabel kienu jħallsu lill-familja Caruana b'dan li wara bdiet tiġi depożitata fir-Reġistru tal-Qorti, deposizzjoni li ma ġietx kontradetta mill-għaqda konvenuta, ma' jirrizultax li kien fuq mera tolleranza ossia, bil-kortesija jew permess revokabbli *"ad nutum"*.

B'dan li fid-dawl tal-ġurisprudenza estensiva *ivi* ċċitata, din il-Qorti mitluba biss tagħti deċiżjoni rigward spoll la għandha u anqas sejra tinvestiga l-petitorju iżda tqies li ai fini tal-*actio spolii* fil-mument neċessarju skont il-liġi, ossia fil-mument li avvera ruħu l-allegat att spoljattiv, l-atturi kellhom il-pussess rikjest tal-medda art in mertu.

L-element tal-pussess rikjest sabiex tista tirnexxi kawża ta' spoll huwa għalhekk sodisfatt.

---

[55] Ref. l-ewwel talba tar-rikors ġuramentat nurmu 35/2022.
[56] Ref. it-tieni premessa tar-rikors ġuramentat numru 35/2022 flimkien mal-pjanta annessa mal-istess rikros ġuramentat.

Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina l-elementi l-oħra rekwiżiti f'kawża ta' spoll u tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwarhom inkluż fid-dawl ta' dak hawn fuq diġa' kkunsidrat.

**Rigward it-tieni element, il-kwistjoni ta' l-att spoljattiv nniffsu – *spoliatum fuisse*** – ossia, li l-ispoljant għamel azzjoni kontra r-rieda tal-pussessur li eskludiet lill-pussessur mill-pussess, jingħad kif isegwi:

> *Dwar it-tieni element, huwa meħtieg li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess.* [57]

Dwar il-vjolenza tal-att spoljattiv, din il-Qorti terġa tagħmel referenza ampja għad-deċiżjoni diga' suċċitata mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Diċembru, 1955 fl-ismijiet ***Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott***, il-ħsieb asserit f'liema tagħmlu tagħha.

Mill-assjem tal-provi jirriżulta ċar li filwaqt li l-atturi jikkontendu li huma ġew spoljati meta l-għaqda konvenuta daħlet fl-art posseduta minnhom u għamlet ħofor kbar fiha, wara li anke għafġet il-wiċċ maħdum tagħha, l-għaqda konvenuta tirriżulta li anqas ma' tinnega dan iżda tittenta tgħid li jekk hija tassew għamlet xi xogħol li setgħa wassal għad-dritt reklamat mill-atturi li jmexxu b'kawża ta' spoll, dan sar ferm qabel id-data ta' nofs Novembru li jindikaw l-atturi bħala dik li fiha gew spoljati, ossia fil-30 ta' Ottubru, 2021 meta rappreżentanti varji tagħha flimkien ma' kuntrattur b'gaffa daħlu fis-sit u għamlu xogħol kemm ta' twessiegħ ta' triq kif ukoll ta' skavar bi preparazzjoni għall-bini tal-kamra tan-nar li għalija ottjenew permess mingħand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.[58]

Huwa għalhekk li din il-Qorti tqis li l-att, ossia d-dħul fl-art posseduta mill-atturi aħwa Vella kif ukoll l-iskavar ta' ħofor kbar, m'huwiex ikkontestat. Dak li huwa ikkontestat huwa, minflok, iż-żmien meta suppost sar tali att. Kwistjoni li taqa' prettament fl-element li jmiss jiġi kkunsidrat rigward l-*actio spolii*.

---

[57] Ref. deċiżjoni mogħtija nhar it-23 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***Filomena Ellul vs Carmel sive Charles Ellul***, Citazz. Nru. 428/2000/1 JRM.

[58] Ref.: *inter alia*, id-depozizzjoni ta' Manuel Caruana in rapprezentanza tal-għaqda konvenuta.

B'dan li għalhekk anke dan l-element kostituttiv tal-azzjoni ta' spoll jirriżulta ppruvat u sodisfatt.

**Rigward it-tielet element, l-*infra bimester deduxisse*.**

Huwa dwar dan l-element li l-partijiet kontendenti f'din l-istanza ma' jaqblux.

L-atturi aħwa Vella jikkontendu li l-għaqda konvenuta, tramite varji rappreżentanti tagħha u flimkien ma' kuntrattur b'gaffa, daħlu fl-art tagħhom in mertu lejn nofs Novembru, 2021 b'dan li huma mexxew b'din l-istanza fl-4 ta' Jannar, 2022, u allura fi żmien ħamsin jum ċirka mill-att spoljattiv.

Da parti tagħha, l-għaqda konvenuta tidher tinsisti li hija bdiet ix-xogħol tagħha fit-30 ta' Ottubru, 2021 f'liema każ, il-proċedura meħudha mill-atturi b'din l-istanza ma' ttieħditx fiż-żmien perentorju ta' xaharejn kif rikjest mill-liġi.

In sostenn tat-teżijiet reċiproċi tagħhom iż-żewġ partijiet kontendenti ressqu diversi provi għall-iskrutinju ta' din il-Qorti.

L-għaqda konvenuta ressqet żewġ avviżi ta' bidu tax-xogħol – *commencement notices* – li l-Awtorita' tal-Ippjanar teħtieġ li jintbagħtu qabel jinbeda kwalunkwe' xogħol ta' kostruzzjoni kopert b'permess maħruġ minnha.

Dawn l-istess jirriżultaw in atti a fol 220 u 221 kif ukoll a fol 289 u 290 tal-proċess u jirreferu rispettivament għall-permessi maħruġa mill-Awtorita' tal-Ippjanar a favur ta' Michael Caruana għan-nom tal-għaqda konvenuta li jġibu n-numri PA/01151/17 u PA/01001/20.[59]

It-tali permessi kienu l-wieħed – ossia dak numru PA/01001/20 – għat-twessiegħ tat-triq sabiex jiġi kreat aċċess adegwat għall-kamra tan-nar, u l-ieħor – dak numru PA/01151/17 – għall-kostruzzjoni tal-kamra tan-nar.

[59] Kopja tal-permessi relattivi gew ezebiti diversi drabi fl-atti tal-process odjern.

Dawn iż-żewġ avviżi ta' bidu tax-xogħolijiet permessi jirriżultaw li t-tnejn waslu għand l-Awtorita' tal-Ippjanar fl-10 ta' Ottubru, 2021, kif jixhed Gordon Grech, uffiċjal tal-infurzar għal Għawdex fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar, u t-tnejn kienu jindikaw li x-xogħolijiet permessi kienu ser jinbdew nhar it-30 ta' Ottubru, 2021.

L-għaqda konvenuta ressqet ukoll dokument maħruġ mill-Kunsill Lokali tal-Għarb lill Michael Caruana għan-nom tagħha, għaqda konvenuta, nhar is-27 ta' Ottubru, 2021 sabiex nhar it-30 ta' Ottubru, 2021 bejn nofsinhar u is-sitta ta' filgħaxija fis-sit in mertu tingħalaq triq u jaċċedi b'gaffa il-kuntrattur ingaġġjat mill-għaqda konvenuta, ossia, Richard Frank Axiaq, sabiex jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa.[60]

Ressqet ukoll ritratt li juri l-bidu tax-xogħolijiet intrapriżi minnha li jġib d-data tat-30 ta' Ottubru, 2021.[61]

Apparti tali dokumenti, għal-għaqda konvenuta xehed ir-rappreżentant tagħha Michael Caruana dwar li x-xogħol ingħata bidu minnhom fit-30 ta' Ottubru, 2021 filwaqt li tressaq jixhed ukoll il-kuntrattur imsemmi, Richard Frank Axiaq, li iżda, fl-ewwel xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, ftit ta' tagħrif dwar dati u drabi li mar jahdem fuq is-sit.

Da parti tagħhom, l-atturi jinsistu li anke jekk ix-xogħol tal-għaqda konvenuta setgħa nbeda dakinhar ta' nhar it-30 ta' Ottubru, 2021; ċertament li l-istess ma' resaqx lejn u ma' rifisx l-art posseduta minnhom qabel nofs Novembru, 2021.

Għal dan il-għan, l-atturi, oltre għax-xhieda mogħtija minn wieħed minnhom – Anthony Vella – ressqu diversi xhieda bħal Louis Agius, ir-raġel ta' bint l-istess Louis, Manuel Muscat kif ukoll ħuh, Joseph Muscat kif anke lil Joe Louis Caruana u lin-Nutar Enzo Dimech li lkoll aprossimaw id-data ta' meta x-xogħol tal-għaqda konvenuta daħal u rifes fir-raba' posseduta mill-atturi aħwa Vella bħala t-tieni ġimgħa ta' Novembru, jew nofs Novembru, 2021, b'uhud minnhom isemmu wkoll it-tieni Sibt ta' Novembru, 2021.

[60] Dokument nominat "Appliakzzjoni għal Depozitu jew Uzu ta' Krejn jew Makkinarju" a fol 155.
[61] Ritratt a fol 156.

Iżda ferm aktar importanti mit-testimonjanza ta' dawk ix-xhieda li tressqu mill-atturi, li f'kull każ jista jkollhom xewqa li jgħinu lill-atturi li huma ġirien fl-inħawi tar-raba' tagħhom ilkoll jekk mhux addirittura ħbieb, hija t-testimonjanza mogħtija minn xhieda ndipendenti bħal Gordon Grech, ir-rappreżentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar diġa' msemmi, kif ukoll tal-kuntrattur ingaġġjat mill-għaqda konvenuta stess sabiex jagħmel ix-xogħolijiet rikjesti minnha għall-bini tal-kamra tan-nar.

Ix-xhud Gordon Grech xehed estensivament dwar x'ra dakinhar li ssejjaħ fuq il-post in kwistjoni b'rapport tan-Nutar Enzo Dimech, ossia dakinhar tat-30 ta' Ottubru, 2021.[62]

Hawnhekk dan ix-xhud jgħid li filwaqt li dakinhar tat-30 ta' Ottubru, 2021 fuq il-post osserva spustjar ta' ħamrija u materjal, ma' nnota xejn li seta' jikklassifika bħala xogħol ta' żvilupp. Oltre minn hekk żied jimmarka bl-ittra "X" fuq pjanta li eżebixxa hu stess[63] il-lok fejn osserva tali spustjar, lok li jekk tali pjanta ta' dan ix-xhud tiġi mqabbla ma' dik eżebita mill-atturi mar-rikors ġuramentat tagħhom jirriżulta li sa' dakinhar; ix-xogħol intrapriż mill-għaqda konvenuta kien għadu ma' laħaqx u anqas biss qorob l-art tal-atturi. Tant li dan l-istess xhud jixhed li aktar il-ġewwa nnota li l-art kien għadha maħruta.

Il-kuntrattur Richard Frank Axiaq, li fl-ewwel xhieda tiegħu mogħtija quddiem din il-Qorti naqas milli jagħti wisq informazzjoni rilevanti stante li deher li ma' setgħax jiftakar meta mar fuq is-sit u kemm il-darba mar, miġjub jerġa jixhed deher jiftakar li fuq is-sit mar darbtejn b'gaffa differenti kull darba fejn l-ewwel darba ħadem biss fuq it-triq – xogħol ta' twessiegħ tagħha – għajr li seta' jew ma' setax għamel ħofra aktar 'il ġewwa sabiex tiġi eżaminata l-profondita' tal-art li fuqha kellha tinbena l-kamra tan-nar tal-għaqda konvenuta, mentri t-tieni darba għamel xogħol ulterjuri.

Dan ix-xhud, apparti li jgħid li safejn jiftakar hu dakinhar li ħadem fuq it-twessiegħ tat-triq ma' daħalx wisq 'il gewwa fl-art iżda ħadem qrib it-triq, jgħid ukoll li l-ħofra li kienet saret sabiex tiġi eżaminata l-profondita' kienet reġgħet imtliet.

[62] Ref.: notament dwar rapport ricevut li juri li r-rapport daħal nhar it-30 ta' Ottubru, 2021 u li l-agenti tal-infurzar marru fuq il-post fl-istess data a fol 177 u 178.
[63] Pjanta a fol 240.

Mit-testimonjanza ta' dawn iż-żewġ xhieda jirriżulta għalhekk li jekk sar xi xogħol fit-30 ta' Ottubru, 2021, dan jew ma' kienx jikkonċerna lill-atturi għaliex ma' kienx sar fl-art posseduta minnhom jew, jekk għal grazzja tal-argument setgħa kien – fil-każ tal-ħofra li l-kuntrattur jgħid li setgħet saret – din l-istess kienet reġgħet imtliet b'dan li l-atturi seta', f'tali stadju, ma' ħassewx in-neċessita' li jipproċedu oltre. Tant ukoll illi li kieku proċedew kienet tkun opportuna d-difiża li kwalunkwe' spoll allegat kien ġie diġa' effettivament rimedjat.

F'dan id-dawl, din il-Qorti tqies għalhekk aktar verosimili t-teżi attriċi li x-xogħol li kkonċerna lill-atturi u li ta bidu għat-terminu perentorju ta' xahrejn rekwiżit sabiex tinġieb il-quddiem b'suċċess l-*actio spolii* seħħ lejn nofs Novembru, 2021.

Huwa għalhekk li anke dan l-element kostituttiv tal-azzjoni ta' spoll jirriżulta sodisfatt.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti, filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-għaqda konvenuta konformement ma' dak hawn deċiż, qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi u tiddikjara li l-għaqda konvenuta ikkommettiet spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi meta daħlet fir-raba' indikat fil-pjanta annessa mar-rikors ġuramentat a fol 4 tal-proċess magħruf bħala "L-Andar ta' Geriska", fil-limiti tal-Għarb, Għawdex, u hemm għamlet xogħol ta' skavar u tħaffir ta' serje ta' ħofor;

ii. tilqa' it-tieni (2) talba attriċi u tordna lill-għaqda konvenuta sabiex fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni tisporga tali spoll kommess minnha billi tagħmel dawk ix-xogħolijiet kollha neċessarji u opportuni sabiex treġġa kollox lura għall-istat li fih kien qabel u tiddeżisti milli terga' tidħol fir-raba' tal-atturi sovraindikat;

iii. tilqa′ it-tielet (3) talba attriċi u tordna li fin-nuqqas tal-għaqda konvenuta, tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu huma dawk ix-xogħolijiet neċessarji a spejjeż tal-għaqda konvenuta.

Bl-ispejjeż ta′ din il-kawża a karigu tal-għaqda konvenuta.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur